MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 54/2012

Il-Pulizija

Vs

Charlot Aquilina

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn is-sitta u ghoxrin(26) ta' Novembru ta-sena elfejn u sitta (2006) u id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), meta hekk ordnat minn xi Qorti jew

marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil Sabrina Aquilina u/jew lil uliedu, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghal-uliedu fi zmien hmista il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellu jhallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2011 fejn wara ammissjoni tal-istess imputat sabithu hati u kkundannatu ghal-piena ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors mahluf tal-parte civile Sabrina Aquilina pprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Lulju, 2011, fejn talbet lil dik il-Qorti tipprocedi kontra l-hati Charlot Aquilina skond id-dispozizzjonijiet applikabbli tal-Artikolu 28(H) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht kull provediement li dik il-Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 t' Jannar, 2012, fejn wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28H tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li s-sentenza ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur sospiza ghal tlett (3) snin moghtija fit-3 ta' Mejju, 2010 fl-ismijiet Pulizija kontra Carmel Pace tidhol fis-sehh b'effett immedjat.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma l-parti tal-htija, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn irrendiet il-piena ta' tlett xhur detenzjoni sospizi ghal sentejn ghal wahda effettiva ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ikkundannatu ghal-tlett xhur prigunerija effettivi u minflok tinfliggi piena aktar moderata u idonea ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju principali jikkonsisti fil-fatt illi bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-piena erogata kienet harxa wisq, tenut kont tac-crikostanzi tal-kaz odjern;

Illi huwa minnu li l-appellant naqas milli jghaddi lil martu l-manteniment dovut, izda dan gara biss peress li kif taf hi stess, l-appellant ma jahdimx u f'dal mument m'ghandux mezzi finanzjarji sabiex imantni lilu nnifsu ahseb u ara lil haddiehor;

Illi l-appellant ilu hafna jipprova isib xoghol, izda dan mhux facli minhabba l-klima ekonomika ta' bhal issa u kif ukoll peress li l-appellant qed ibati minn problemi ta' sahha mentali tant li ilu ghal-dawn l-ahhar xhur jiehu l-kalmanti;

Illi l-appellant sa minn dejjem kellu kull intenzjoni li jhallas dak dovut minnu u f'din l-ahhar sena saru diversi tentattivi minn naha tal-appelant sabiex jibda jhallas dawn il-pendenzi bin-nifs, izda l-parte civile kienet aktar interessata illi l-appellant jispicca l-habs, flok tasal ghal ftehim bonrarju;

Illi tant hu hekk illi fix-hxur li ghaddew l-appelant accetta illi l-parte civile tiehu l-pussess tal-vettura teighu u tbieghha biex taqta` parti mill-bilanc tal-manteniment dovut, kif fil-fatt gara;

Illi l-appellant qiegħed jaghmel minn kollox biex isib xoghol u jirretifika s-sitwazzjoni li jinsab fiha bhalissa. Illi ghalhekk, detenzjoni f'dan il-kaz, mhux biss mhux ha ssolvi l-problema fir-rigward tal-manteniment dovut izda se mai, b'piena karcerarja fil-fedina penali tieghu, l-appellant ha jonqoslu c-cans li jsib xoghol u mhux jizdiedlu;

Illi dan huwa vera kaz fejn il-hmar il-maghkuz idur ghalih id-dubbien u dan peress illi **ftit xhur ilu l-appellant ghadda minn tragedja familjari kbira wara li sab li missieru mghallaq gol-kamra tal-ghalqa**. Il-mewt ta' missieru hasditu ghall-ahhar u kompliet aggravat il-problemi mentali u psikologici li jinsab ghaddej minnhom l-appellant.

Illi ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tas-sbatax (17) ta' Jannar elfejn u hdax (2011) il-Qorti kienet ordnat lill-appellant Charlot Aquilina sabiex ihallas lil Sabrina Aquilina s-somma ta' disat elef seba' mija u ghoxrin ewro (€9,720) u dan fi zmien sitt xhur mid-data ta' dik is-sentenza. U kienet ukoll ikkundannatu perjodu ta' tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. L-appellant jidher li ma ottemporax ruhu ma' din id-decizjoni tant hu hekk illi b'rikors ta' Sabrina Aquilina prezentat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) u mahluf bil-gurament taghha ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta infurmat lill-Qorti illi l-appellant ma kienx wettaq id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u meta dik il-Qorti rat illi Sabrina Aquilina kellha ragun f'dan l-ilment b'sentenza tat-tmintax (18) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) ordnat li tidhol fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija sospiza.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-ilment principali tieghu mhuwiex tant illi huwa naqas milli jghaddi l-manteniment lil martu kif dovut, izda ghall-fatt illi f'dak il-mument ma kellux mezzi finanzjarji sabiex imantni lilu nnifsu ahseb u ara lil haddiehor. Di più, qed ibaghti minn problemi ta' sahha mentali tant illi ilu ghal dawn l-ahhar xhur jiehu l-kalmanti. Kompla jghid illi huwa qed jaghmel minn kollox biex jipprova jhallas imma qed isibha difficli ghax ghandu familja ohra biex imantni u llum m'ghandux flus.

Ikkunsidrat:

Dwar dan l-ahhar ilment din il-Qorti zgur illi ma tistax tikkondividi dan l-argument. Jekk illum l-appellant qieghed f'pozizzjoni finanzjarja prekarja dan messu rah qabel ma beda t-tieni familja u mhux issa ghax sab li ghandu jerfa' responsabiltajiet ta' zewg familji. Di più, l-qrati taghna dejjem kienu insistenti fuq il-fatt illi jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment il ghaliex tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obbligu sancit b'reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant (Il-Pulizija versus Anthony Saliba, 15 ta' Lulju 1998). L-istess qalet il-kawza Il-Pulizija kontra Nicholas Azzopardi, 30 ta' April 2009, fejn qalet "anke jekk hu minnu li l-appellant qabdu xi breakdown jew depression, ma jahdimx aktar u spicca bla introjtu, il-patt minnu assunt fil-kuntratt ta'

separazzjoni kien jibqa′ vigenti sakemm ma jsirx xi novazzjoni tal-kuntratt jew bonarjament jew "ope magisterium". Sakemm il-patt kuntrattwali ma jigix hekk varjat, l-appellant kien u ghadu obbligat jivversa lil martu l-ammonti miftehma."

F′dan il-kaz mhux biss hemm patt bejn iz-zewg partijiet izda l-appellant ghandu obbligu li jhallas b′decizjoni moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati. (ara ukoll Il-Pulizija kontra Lawrence Mifsud, 15 ta′ Ottubru 2009). Ghalhekk l-appellant ma jista′ jgawdi minn ebda skuza u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-tmintax (18) ta′ Jannar elfejn u tnax (2012) jehtieg illi tkun konfermata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta′ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------